**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta` Gunju 2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**JOHAN MUSCAT**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Johan Muscat** detentur ta' karta tal-identita bin-numru **285592M**, fejn gie akkuzat talli :

1. Nhar il-25 ta' Mejju 2021, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija fi Triq San Lazzru, Bormla hebb ghal Lucianne Azzopardi, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 173980M billi kkagunalha feriti ta' natura gravi hekk kif iccertifikata mit-tabib Dr. Rose M.Spiteri tac-

Centru tas-Sahha ta’ Bormla, ai termini tal-Artikoli 216(1) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u storbju ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Lucianne Azzopardi;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna lil-hati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar is-sanzjoni/piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta' sanzjoni din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu.

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn Lucianne Azzopardi ddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat ghall-incident mertu ta` din il-kawza, u li dan kien incident izolat u certament mhux ta` konsegwenzi serji. Gie vverbalizzat ukoll li l-imputat huwa mizzewweg, ghandu tifla minuri u li ghandu impjieg regolari u stabbli; huwa ddispjacieh ghal dak li gara u dak li gara kien biss fir-rabja tal-mument u assigura li bl-ebda mod ma kien ser jigi ripetut incident bhal dan.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet ser jigu lkoll riflessi fis-sanzjoni.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 216(1), 217, 338(DD), 383 U 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB LILL IMPUTAT JOHAN MUSCAT HATI, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, TA` L-IMPUTAZZJONIJET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

In olter, bis-sahha ta` l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, l-Qorti torbot lill-hati ghal zmien sena mill-lum taht penali ta` €500 ghas-sigurta` ta` Lucianne Azzopardi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur